Nakkumpanjaw lil uliedna • Fr Carl-Mario Sultana



# Għidli storja!

**Lit-tfal kellimhom bl-istejjer... anki mill-ħajjiet tal-qaddisin**

Is-saċerdot induna li waqt l-omeliji tiegħu, fil-ħin li suppost joqogħdu attenti jisimgħuh (għax kien ikellimhom dwar affarijiet importanti mhux biss għal din il-ħajja imma wkoll għall-ħajja ta' dejjem) in-nies ma kinux jagħtu kasu. Ħafna drabi kienu jkunu reqdin bilqiegħda!

Darba pprova jiġbdilhom l-attenzjoni billi waqt l-omelija beda jirrakkonta: "Waqt li kont ġej 'l hawn biex inqaddes illum, rajt ħmar bil-ġwienaħ qed itir fuq ir-raħal tagħna..."

Kif semgħu dan, in-nies kollha waqqfu widnejhom biex jisimgħu. Dawk li kienu reqdin malajr qamu ħalli jaraw x'kien qed jgħid dan is-saċerdot. U s-saċerdot irrimarka: "Meta kont qed ngħidilkom l-affarijiet bl-akbar serjetà ma kontux qed tagħtu kas, imma meta bdejt ngħidilkom storja li mhix vera, malajr bdejtu tisimgħu kull kelma li bdejt ngħid għalkemm dan ma kienx veru!"

Kemm huwa veru li permezz ta' storja tista' twassal messaġġ b'mod ferm aktar faċli! Mhux hekk biss imma l-messaġġ jiftiehem aktar milli kieku kellek tagħmel prietka sħiħa fuq l-istess suġġett!

U anki jekk inħarsu biss lejna nfusna nindunaw kemm nieħdu aktar pjaċir nisimgħu storja jew rakkont milli nisimgħu lil xi ħadd jitkellem.

Dan jgħodd aktar u aktar għat-tfal li jsibuha diffiċli li jifhmu l-argumenti u l-ideat tagħna l-kbar. Trid li t-tfal jinteressaw ruħhom f'dak li tkun qed tgħid, speċjalment meta tkellimhom dwar affarijiet tal-fidi, jew dwar Alla? Tippruvax tkellimhom b'mod dirett għaliex moħħhom ma jasalx għal dawk l-ideat daqstant ikkumplikati... kellimhom bl-istejjer.

U hemm ħafna stejjer li nistgħu nirrakkuntaw! Mhux biss stejjer li min jaf kemm-il darba smajniehom bħal dik tas-siġra li tat ħafna, jew li tat kollox... li jistgħu ikunu stejjer li mhumiex veru imma li fihom tagħlima kbira.

Hemm stejjer oħra li nistgħu nirrakkontaw, li llum bil-mezzi li għandna faċilment insibuhom, imma li fl-istess waqt ma tantx qed nagħtu kashom, jekk mhux ukoll inwarrbuhom. Dawn huma l-istejjer mill-ħajjiet tal-qaddisin.

Kemm nistgħu nimitaw l-eżempji sbieħ u tajbin li għexu huma matul ħajjithom! Kemm nistgħu nipproponuhom mill-ġdid lil uliedna bħala eżempji għal ħajjithom!

Trid li wliedek jikbru bħal siġra dritta? Mela kellimhom bl-eżempji mill-ħajjiet tal-qaddisin u tkun qed tagħtihom bastun dritt biex jitilgħu b'sinsla dritta. F